# Sehem il-Banda u l-Kor barra ż-żmien tal-Festa

**Clayton Vella**
*Segretarju Kummissjoni Banda u Kor*



Fi żminijiet tal-imgħoddi sehem il-banda kien ikun biss tista' tgħid fil-ġimgħa tal-festa. Fil-każin tal-Banda Imperial kunċerti kienu jsiru kull ġimgħa kif għadu jsir sal-ġurnata tal-lum, bid-differenza li qabel kien isir kunċert għall-programm annwali ta' żmien il-festa, u għall-festa tal-Madonna tas-Santwarju tal-Mellieħa, darba kull sentejn.

Matul iż-żminijiet inħass il-bżonn li l-banda għandha tibda tieħu sehem f'iżjed programmi li jsiru matul is-sena u mhux għall-festa biss. Wieħed mill-ewwel programmi li beda jsir matul is-snin huwa dak ta' Ħadd il-Palm li għadu jsir sal-ġurnata tal-lum. Inħass ukoll il-bżonn li dan il-programm għandu jbiddel l-istil tiegħu biex ikun iżjed adattat għaż-żmien li dan isir fih, żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Għalhekk, għall-ewwel darba din is-sena, dan sar ġewwa l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Programm ieħor li daħal sew fil-kalendarju tal-banda u tal-kor huwa l-programm ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ li jsir f'Ġunju u li jkun organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Il-konkorrenza għal dan il-programm qiegħda tiżdied aktar ma jgħaddi ż-żmien.

Raġuni prinċipali għalfejn inħass il-bżonn li l-banda għandha żżid il-programmi matul is-sena, apparti dawn it-tnejn li diġà semmejt hawn fuq, huwa l-fatt li b'hekk il-banda tkun iżjed attiva u tgħolli l-livell mużikali tagħha. Dan għaliex il-mużika li tindaqq hi ferm iżjed moderna u impenjattiva, b'tempijiet aktar diffiċli li fi żminijiet tal-imgħoddi ħadd qatt ma kien sema' bihom.

Dan xi kultant joħloq problema ma' ċertu bandisti, peress li l-istil tal-mużika huwa ferm differenti minn dak li kienu mdorrijin bih. Madanakollu dan ma jaqtax qalb il-banda biex dejjem timxi 'l quddiem u tgħolli l-livell tagħha.

Wara xi żmien kien inħass ukoll il-bżonn li jitwaqqaf il-Kor Imperial. Dan sar fl-1998 u minn dakinhar sal-lum il-ġurnata l-kor ma waqaf xejn lanqas, u r-repertorju tiegħu nbidel maż-żminijet ukoll kif ġara mal-banda. Bdew isiru programmi konġunti bejn il-Banda u l-Kor flimkien ma' baned jew korijiet barranin. Dan huwa ta' vantaġġ u ġid kbir kemm għall-banda kif ukoll għall-kor, għax wieħed jitgħallem ħafna minnhom peress li l-edukazzjoni u d-dixxiplina mużikali tal-baned barranin hija ferm professjonali. F'dawn l-aħħar snin kienu diversi dawk il-programmi li saru ma' baned barranin u t-tagħlim li ħareġ minnhom huwa imprezzabbli.

Bħalma wieħed jista' jara, sehem il-banda u l-kor illum il-ġurnata m'għadux biss għall-ġimgħa tal-festa, anzi aktar minn dan. Dan iżda jinvolvi ħafna iżjed sagrifiċċju u preparamenti minn kulħadd, għax tajjeb wieħed isemmi li l-kwalità ta' dawn il-programmi kull ma jmur dejjem qed togħla.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi tal-Kummissjoni Banda u Kor, lill-bandisti u lill-membri tal-kor kollha għas-sagrifiċċju tagħhom, kif ukoll lill-familjari tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Marija Bambina!

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**